# ĠO XELTER, IL-BELT

"Is-Sirena! Is-Sirena!!"

"Errejd! Errejd!!...." Ma, Karmena, Ġużeppa, Filumen, isaw, isaw, qegħdin fuq rasna..."

Bibien jissabbtu u jissakkru, twieqi jingħalqu, dwal jintfew, u nisa, irġiel u tfal, min imgeżwer u min b'nofs ilbies, kulħadd jiġri mill-aħjar li jista' lejn ix-xeltrijiet.

Kienu l-ħdax ta' bil-lejl! It-treddin ta' l-ajruplani tal-għadu kien tassew qiegħed jinstama' fil-qrib. Is-*searchlights* kienu donnhom swaba' twal imdawla qegħdin ifittxu lil-egħfiered ta' bil-lejl. Fit-triqat ebda dawl ma kien jiddi ħlief dak tal-qamar. Fi żmenijiet oħra, żmienijiet ta' hena u ta' sliema—dawl bħal dan kien igħaxxaq il-qlub, iżda f'dawn iż-żmenijiet il-qamar u l-kwiekeb saru wkoll egħdewwa tal-ħajja. L-ebda poeta ma jazzarda jgħannilhom inni ta' foħrija bla ma jħoss ruħu mkasbar mill-għajjât ta' eluf ta' ilsna mgħaddba għal min tefa' lid-dinja f'dan il-ġenn, f'dan il-waħx.

Bla ma naf kif, jiena sibt ruħi fix-xelter ta' l-Umberto I, fi Triq l-Ifran il-Qodma, il-Belt, "Mur obsor x'kellu jsir minn dan il-bini li darba kien skola Taljana," ħsibt bejni u bejn ruħi.

Għajnejja marru fuq dawk li jistgħu jmutu mirdumin miegħi: Mara ta' 40 sena, b'ħamest itfal, wieħed jingħi, ieħor jokrob, wieħed iħokk rasu u għajnejh, mejjet bin-ngħas, oħra mqabbda ma' djulha u tarbija tad-dirgħajn. Imsejkna mara! Wara ftit smajtha tgħid lil uliedha biex jitolbu għal missierhom li issa kien jinsab fuq il-kanun,—wieħed mis-suldati qalbiena Maltin li qegħdin jiddefenduna.

Ftit 'il bogħod kien hemm xiħa aktar mejta milli ħajja megħjuna minn xbejba; ħdejhom raġel u mara, il-ħin kollu jgħajtu ma' wliedhom, isikktuhom għal kull ħaġa ta' xejn u fl-istess ħin jagħmlu frattarija aktar minnhom.

Mhux inqas minn ħames *Barmaids* ħadu rokna tax-xelter; u għad li fid-dawl dgħajjef tal-fanali, stajt nara l-ħmura ta' xofftejhom u ta' ħaddejhom u s-sfura tal-mewt fl-inħawi l-oħra ta' wiċċhom li ma kenux miżbugħin.

Quddiemi lmaħt xebba ta' xi 23 sena kollha mkabbra u mqita, b'libsa tas-sodda, tidher mal-papà u l-mamà tagħha jħarsu bl-ikreh lejn dawk li magħhom kellhom jitħalltu.

"X'nies !" gemgimt f'qalbi. "Jibqgħu imkabbrin sa l-aħħar nifs ta' ħajjithom. F'waqtijiet bħal dawn ir-ruħ tal-bniedem tidħol fiha nfisha, issir ġwejda, tfittex il-ħbiberija ta' kull min issib, imma hemm erwieħ li l-kburija tagħhom issib biss mistrieħ meta tiltaqa' mas-suppervja ta' Luċifru -- fl-Infern ! "

* * *

F'daqqa waħda widnejja mtlew bl-ilħna beżgħana u mimlijin talb. Kulħadd intasab f'xi rokna jitlob b'ħerqa. It-treddin ta' l-ajruplani insebaq għal xi ħin.... iżda ma damux wisq il-qlub magħqudin f'talba waħda ta' mħabba u ta' ħniena; l-isparar tal-kanuni tagħna riegħed il-bini u, wara ftit, ħoss tal-biża' heżheż il-ħitan blatin tax-xelter ! Twerżiqa li tkexkex żiedet, u fl-istess waqt serrħet, it-twerwir ta' bosta nisa u tfal. Mara li kienet ħdejja ggranfat miegħi b'difrejha kollha f'laħmi.

Żagħżugħ twajjeb talab lil kulħadd biex jissieħeb miegħu fil-Litanija :

"Kyrie Eleison..."

*"Qed jiddajvjaw...."*

"Christe Eleison."

*"Qed jisparaw...."*

Kyrie Eleison."

*"Ma jiġġiddimx !"*

It-tweġib tal-kotra kien mhux aktar tweġib imħeġġeġ iżda tweġib mimli biża' u għadab !

"Ġesù, Ġużeppi, Marija"

"Itfgħu l-bombi fil-ħamrija !"

"Fil-ħamrija ? ! " gemgem f'qalbu wieħed mill-kenniesa tal-Gvern li għandu lil qrabatu bdiewa mill-Qrendi. "Iddinja kbira tant!" żied igemgem xħin ftakar fl-għalqtejn patata li kellhom miżrugħa niesu.

"Le, le"—qalet waħda xwejħa—"jien ma niġix aktar fix-xelter ta' l-Umbertu, ma fihx għajr ħruġ wieħed; nibda mmur il-Palazz."

Mill-Umberto I għall Palazz, jiġifieri minn għand Re għal għand Gvernatur ! Min qatt kellu jgħidilha li fi xjuħitha kellha tagħmel żjajjar bħal dawn !

"Qalu li se jftħu ħruġ ieħor."

"Stennieni !" Naħseb li tkun spiċċat il-gwerra meta jkun lest. Ma tarax b'liema qajla miexi x-xogħol tax-xelter."

Theżhiża oħra tal-biża' niżżlet għabra trab mis-saqaf!

Ħadd ma kellu s-sabar jibqa' bil-qiegħda: ċaqliq, twerżiq, talb u elf saħta fuq l-egħdewwa tal-paċi.

"Din bomba!" qalet waħda

"Mela! Din majns!"—meriet oħra—"Ma jistħux iwaddbu l-majnsijiet fuq il-bini!" tkażat oħra.

* * *

Tnejn biss fix-xelter kollu kienu siekta, medhijin b'xulxin: żagħżugħ u żgħażugħa, it-tnejn ta' qrib l-20 sena.

Għalihom ir-rejds ta' bil-lejl ma humiex dik is-saħta li huma għall-kotra. Id-daqq tas-sirena jfisser għalihom mhux biża' u tfigħ ta' bombi, imma laqgħa oħra f'nofs ta' lejl f'rokna mdallma ta' xelter. Din hi d-dinja! L-ebda qawwa ma għandha s-setgħa li tmewwet l-*imħabba* tal-qlub żgħażagħ. La huwa *miktub* li għandhom imutu, ħalli tiġi bomba u toqtolhom it-tnejn flimkien! Hekk kienu jifhmuha!

* * *

Għad li ż-żagħżugħ twajjeb kien ilu dwar sagħtejn igħid il-posti tar-Ružarju, il-Kurunelli u talb ieħor tal-gwerra qalbu kienet għadha mimlija ħeġġa. Qie l-waqt tiegħu u huwa ried jagħmel l-akbar ġid li jista'. Mhux hekk, iżda, ħafna oħrajn li kienu qegħdin igħidu t-talb miegħu: wara sagħtejn huma kienu għoddhom inħanqu, għajjew u sturdew u b'mistħija u bi skruplu ma ħallewħx igħid it-talb waħdu.

"L-aħwa issa ngħidu bil-qalb il-Litanja t-twila" talabhom.

Bil-kemm laħaq temm kliemu: tifel ta' xi tnax-il sena niżel jiġri t-taraġ tax-xelter. "L-ajruplani ta' l-*ewda adew*" għajjat b'leħen li jixbah lill-ħabbari ingliż tar-Rediffussion.

"Rejders Pass", wieġbu gzuz ta' ilħna.

F'kemm trodd salib ix-xelter kien tbattal u l-imsejken żagħżugħ twajjeb tħalla waħdu għadu se jibda l-Litanija t-twila.

NIKOL BIANCARDI.